

2. Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

Fl-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1259/2010, fil-każijiet ta' divorzji privati, [l-eżami] tal-Artikolu 10 tiegħu

(1) għandu jkun ibbażat *in abstracto* fuq paragun li minnu jirriżulta, fil-fatt, li l-liġi applikabbli skont l-Artikolu 8 tagħti wkoll lill-konjuġi l-ieħor aċċess għad-divorzju, iżda li, minħabba s-sess tal-konjuġi, dan id-divorzju huwa suġġett għal kundizzjonijiet proċedurali u sostantivi differenti minn dawk applikabbli għall-konjuġi l-ieħor,

jew

(2) l-applikabbiltà ta' din ir-regola tiddependi minn jekk l-applikazzjoni tad-dritt barrani, *in abstracto* diskriminatorja, hijjex diskriminatorja wkoll, *in concreto*, f'dan il-każ.

3. Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għat-tieni alternattiva tat-tieni domanda:

Il-kunsens għad-divorzju mogħti mill-konjuġi ddiskriminat — inkluż fil-forma ta' aċċettazzjoni min-naħa tiegħu ta' prestazzjonijiet kumpensatorji — jikkostitwixxi diġà raġuni sabiex ir-regola hawn fuq iċċitata ma tiġix applikata.

(¹) ĠU L 343, p. 10.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Rheinland-Pfalz (il-Ġermanja) fil-11 ta' Lulju 2016 – Hornbach-Baumarkt-AG vs Finanzamt Landau

(Kawża C-382/16)

(2016/C 343/46)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Rheinland-Pfalz

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Hornbach-Baumarkt-AG

Konvenut: Finanzamt Landau

Domanda preliminari

L-Artikolu 49 flimkien mal-Artikolu 54 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea – TFUE – (li qabel kienu, l-Artikolu 43 flimkien mal-Artikolu 48 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea – KE –) jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru skont liema dħul li persuna taxxabbli residenti tagħmel mir-rabtiet kummerċjali tagħha ma' kumpannija residenti fi Stat Membru ieħor, li fiha tipparteċipa direttament jew indirettament mill-inqas bi kwart u li magħha tkun ftiehmet fuq kundizzjonijiet, li jvarjaw minn dawk li jkunu ġew miftiehma minn terzi indipendenti f'ċirkustanzi identiċi jew simili, għandu jiġi kkalkolat bħallikieku sar skont il-kundizzjonijiet miftiehma bejn terzi indipendenti, meta tali korrezzjoni ma ssirx fir-rigward ta' dħul minn rabtiet kummerċjali ma' kumpannija residenti u din il-leġiżlazzjoni ma tagħtix lill-persuna taxxabbli residenti l-possibbiltà li ttipprova li l-kundizzjonijiet ġew miftiehma minħabba raġunijiet kummerċjali li jirriżultaw mill-pożizzjoni tagħha inkwantu azzjonist fil-kumpannija residenti fl-Istat Membru l-ieħor?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas (il-Litwanja) fit-12 ta' Lulju 2016 – UAB “Toridas” vs Valstybinė mokesčių inspekcija prie Lietuvos Respublikos finansų ministerijos u Kauno apskrities valstybinė mokesčių inspekcija

(Kawża C-386/16)

(2016/C 343/47)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

Qorti tar-rinviju

Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas